MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 451/1994/1

**Marisa Giordmaina bhala direttrici, f'isem u ghan-nom tad-Ditta Siggiewi Constructions Co. Ltd.**

**vs.**

**Il-Perit Vincent Cassar bhala Direttur tax-Xoghlijiet u l-Perit Lino Zammit bhala Manager inkarigat mit-Toroq, fil-kwalita` taghhom fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet u Carmel u Paul Polidano f'isem u ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta Polidano Bros. Ltd. u b'digriet fil-verbal tal-5 ta' Dicembru 2003 l-isem 'Perit Vincent Cassar' gie sostitwit bl-isem 'Perit Raymond Farrugia' u b'digriet tat- 2 ta' Novembru 2005 gew trasfuzi l-atti mill- Perit Lino Zammit bhala *manager* ghat-Toroq ghall-Awtorita` ta' Malta dwar it-Transport.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Marzu 1994 (Citaz. Numru 451/94/F) a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi d-Ditta attrici hija propjetarja tar-razzett msejjah “R-Razzett tal-Palma”, fil-Bidni limiti ta’ Wied il-Ghajn, f’kantuniera fi Triq is-Swejda ma’ Triq il-Gross, qabel Triq il-Hurtan, jew estensjoni taghhom.

Illi l-istess razzett kien meqjus li ghandu valur storiku peress li kien antik u l-attrici noe ma setghetx twaqqghu jew tolterah.

Illi minhabba f’hekk hija kienet applikat ghal permess biex tizviluppa l-art mieghu u tirristawra r-razzett ghan-negozju.

Illi l-konvenuti jew min minnhom invadew il-propjeta` ta’ l-attrici noe u minghajr il-kunsens jew permess taghha waqqghu r-razzett kollu kemm hu.

Illi dan l-agir illegali tal-konvenuti kkawza danni konsiderevoli lill-attrici noe, li la naha u lanqas ohra mill-konvenuti, minkejja msejhin ma resqu sabiex jigu likwidati u mhallsa.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jew min minnhom jghid il-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici okkorrendo permezz ta’ periti nominandi u;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici noe d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Marzu tal-1994.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti a fol 5 tal-process fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-28 ta’ Gunju 1994.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmel u Paul Polidano f’isem u in rapprezentanza tad-Ditta Polidano Bros Ltd. datata 18 ta’ April 1994 a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-socjeta` eccipjenti nghatat *tender* mit-Taqsima tax-Xoghlijiet tal-Ministeru ta’ l-Ambjent sabiex taghmel xoghlijiet; hija agixxiet skond l-istruzzjonijiet u ordnijiet lilha moghtija mid-Dipartiment tal-Gvern in kwistjoni u esegwiet l-inkarigu bid-diligenza u b’attenzjoni u skond il-ligi u l-premessi; konsegwentament mhix responsabbli ghall-allegati hsarat pretizi mill-attrici.

2. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Carmel u Paul Pulidano f’isem u in rapprezentanza tad-Ditta Polidano Bros Ltd. a fol 10 u 11 tal-process u d-dokumenti mehmuza a fol 10 u 15 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tat-Toroq il-Perit Lino Zammit datata 15 ta’ Gunju 1994 a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-Direttur Generali l-Perit Vincent Cassar huwa mharrek inutilment *stante* illi d-Dipartiment tat-Toroq m’ghandux jifforma parti mid-Divizjoni tax-Xoghlijiet u ghaldaqstant ghandu jinqala` ‘l barra mill-kawza.

2. Illi Polidano Bros. inghataw kuntratt ghall-kostruzzjoni u asfaltar ta’ Triq il-Gross;

3. Illi waqt il-prosegwiment tax-xoghol minn dan il-kuntrattur, ma kellhomx informazzjoni dwar min kien il-propjetarju ta’ dan ir-razzett;

4. Illi l-eccipjenti mexa fuq il-passi illi min ikollu mmobbli f’nofs ta’ triq jitlob lill-Gvern biex iwaqqaghlu tali bini waqt ix-xoghol tal-formazzjoni u asfaltar tat-triq;

5. Illi s-Sur Gori Schembri wara li twaqqa’ r-razzett u x-xoghlijiet tat-twittija kienu qed jiehdu l-kors taghhom, informa lill-eccipjenti Perit Lino Zammit illi dan kien propjeta` tieghu, wara talab sabiex isiru l-proceduri ghall-hlasijiet dovuti;

6. Illi l-izvilupp taz-zewg nahat tat-triq ilu ghaddej fuq linji stabbiliti li l-eccipjenti ma kellu l-ebda kontroll fuq it-tifsil taghhom, izda li anke` mill-pjanta annessa, Dok ‘A’ jidher car illi l-eccipjenti kien qieghed isegwi fedelment l-intenzjoni tat-*Town Planners*;

7. Illi l-attrici nomine ma hadet ebda passi kontra min kien qed jibni jew kontra l-awtoritajiet inkarigati mill-allinejament tat-triq jew kontra l-ispetturi tal-bini;

8. Illi ma saret l-ebda talba mill-attrici nomine ghall-izviluppar tar-razzett in kwistjoni;

9. Illi ufficjali mid-Dipartiment tat-Toroq kienu kkuntatjaw lis-Sur Gori Schembri biex jindikalhom il-lokalita` tal-propjeta` msemmija fl-ittra ufficjali tat-8 ta’ Marzu 1994, u li fil-fatt kien iltaqa` ma’ l-eccipjent f’Wied il-Ghjan izda minhabba mpenji ohra kien gie deciz illi jsir appuntament iehor, pero` ma ltaqghux aktar minn dak in-nhar;

10. Illi l-eccipjenti jaqbel illi l-attrici nomine tithallas kumpens xieraq tar-razzett, pero` dan il-kumpens ikun konformi ma kumpens illi jithallas ta’ espropriazzjoni ta’ art u mhux ammissibbli illi jithallsu l-ebda danni ohra li l-istess attrici qed tallega;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tad-Direttur tat-Toroq il-Perit Lino Zammit u d-dokumenti mehmuza a fol 18 sa 22 tal-process.
Rat il-verbal tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti tat-28 ta’ Gunju 1994 a fol 25 tal-process. Billi wiehed mill-konvenuti hija socjeta` kummercjali, il-konvenuti l-ohrajn ma jinsistux ghall-ewwel eccezzjoni ta’ l-inkompetenza. Inghata digriet fejn il-Qorti innominat lil AIC David Pace perit tekniku u lil Dr. Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz u fejn l-istess esperti inghataw is-setghat kollha li solitu jinghataw lill-periti, flimkien ma’ dik li jisimghu xhieda u li jaghtuhom il-gurament skond il-ligi. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Jannar 1995 ghar-rapport.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Jannar 1995 a fol 27 tal-process fejn Dr. Carmelo Grima nforma lill-Qorti li seduti ghadhom ma sarux. Il-Qorti issollecitat lill-periti biex ifittxu jesplitaw l-inkarigu li nghatalhom. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Gunju 1995 ghar-rapport.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 1995 fejn il-kawza giet differita ghal-15 ta’ Jannar 1996 ghar-rapport.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici Marisa Giordmaina datat 5 ta’ Lulju 1995 fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha tressaq lil Carmelo Spagnol u Victor Scerri bhala xhieda fil-gbir tal-provi quddiem il-Perit Legali.
Rat ir-risposta tal-perit Vincent Cassar u Lino Zammit datata 18 ta’ Lulju 1995.

Rat id-digriet tal-11 ta’ Awissu 1995 fejn il-Qorti rat li ma jidhirx li hemm oppozizzjoni u t-talba kienet tidher gustifikata ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta’ Jannar 1996 u tat-2 ta’ Mejju 1996 fejn il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Novembru

1996 quddiem il-Qori kif differsament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 1996 quddiem il-Qorti hekk diversament presjeduta a fol 49 tal-process fejn dehret Dr Audrey Fino ghall-konvenut Polidano li infurmat lill-Qorti li s-seduti mhux qed isiru. Il-Qorti issollecitat l-Perit Legali biex ikompli bl-inkarigu u l-kawza giet differita ghas-7 ta' April 1997.

Rat ir-rikors ta' Marisa Giordmaina datat 7 ta' Frar 1997 fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tohrog id-debitu mandat ta' skorta sabiex Carmel u Paul Polidano jitilghu jixhdu fis-seduta tas-17 ta' Frar 1997.

Rat id-digriet tal-11 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta.

Rat il-verbal tas-7 ta' April 1997 fejn il-Perit Legali Dr. Joseph Azzopardi nforma lill-Qorti li l-provi qed jingabru. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-22 ta' Settembru 1997.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 7 ta' Mejju 1997 fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha tharrek lil Carmel jew Paul Polidano u jixhed ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 1997.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tas-16 ta' Mejju 1997 a fol 57 tal-process fejn laqghet it-talbiet kif dedotti.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Settembru 1997; tat-22 ta' Jannar 1998; tal-10 ta' Gunju 1998 fejn il-Qorti kull draba giet infurmata li l-provi qed jingabru; tal-10 ta' Dicembru 1998 fejn il-kawza giet differita ghall-4 ta' Gunju 1999.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 4 ta' Gunju 1999 a fol 64 tal-process fejn il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ta’ l-4 ta’ Gunju 1999, tas-seduta tas-19 ta’ Novembru 1999 fejn il-Qorti ordnat komunika lill-Perit Legali Dr Joseph Azzopardi li kellu jzomm l-ahhar seduta u jghaddi ghar-rapport u tal-1 ta’ Marzu 2000 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm seduta ghall-finali tal-provi konvenuti. Il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-rikors ta’ Charles Polidano *et nomine* datat 9 ta’ Marzu 2000 a fol 69 tal-process fejn talab lill-Qorti biex joghgobha tetenwa s-severita` tad-direttiva taghha taht kull provvediment xieraq u opportun.

Rat id-digriet ta’ l-istess Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-10 ta’ Marzu 2000 (fol.70) fejn ordnat illi jekk ir-rikorrenti ma jresqux il-provi kollha taghhom fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2000 ghandhom jipprezentaw nota biex jindikaw xi provi baqghalhom iresqu u l-Qorti tipprovdi definittivament f’dak l-istadju.

Rat il-verbali quddiem l-istess Qorti hekk diversament presjeduta tat-30 ta’ Gunju 2000; tal-4 ta’ Ottubru 2000; tal-31 ta’ Ottubru 2000; tat-13 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti ordnat zewg seduti ghall-provi li kien fadal tal-konvenuti u wara anke` fin-nuqqas il-Perit Legali gie awtorizzat jghaddi ghar-rapport; u tat-18 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti giet informata li hemm provi x’jingabru u iffissat seduta ohra. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Novembru 2001.

Rat il-verbali tal-Qorti hekk diversament presjeduta tal-21 ta’ Novembru 2001 fejn deher Dr Thomas Abela li nforma lill-Qorti li jonqos il-provi tal-konvenuti; u tat-8 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti ordnat komunika lill-Perit Legali Dr. Joseph Azzopardi u issollecitatu jkompli bil-gbir tal-provi. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Gunju 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 18 ta’ Gunju 2002 a fol 88 tal-process fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Anton Depasquale ghall-11 ta’ Novembru 2002.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 18 ta’ Settembru 2002 fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tordna u tawtorizza lill-Perit Tekniku u Legali biex jghaddu ghar-relazzjoni fuq il-provi li jinsabu fil-process prezentament.

Rat id-digriet taghha moghti mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasqaule tal-24 ta’ Settembru 2002 fejn l-istess Qorti irriservat illi tipprovdi dwar ir-rikors fl-udjenza jew fi stadju ulterjuri.

Rat l-avviz tal-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasqaule datat 11 ta’ Novembru 2002 a fol 92 tal-process fejn gie ordnat illi l-kawza ser tkompli tinstema’ quddiem Qorti diversament presjeduta.

Rat l-avviz tas-16 ta’ Jannar 2003 tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie ordnat li din il-kawza tibda tinstema’ minn dik l-istess Qorti. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Marzu 2003.
Rat il-verbal tal-20 ta’ Marzu 2003 (fol.94) fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri b’riferenza ghar-rikors ta’ l-attrici tat-18 ta’ Settembru 2002 ordnat lill-Perit Legali jiffissa seduta ghall-provi kollha konnessi wara liema seduta l-periti gew ordnati jghaddu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Mejju 2003 ghar-rapport.

Rat il-verbal tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta’ Mejju 2003 (fol.95) fejn ordnat lill-Perit Legali jghaddi ghar-rapport. Dr.Frank Giordmaina u Dr. A Buttigieg Vella nformaw lill-Qorti li seduta ma gietx iffissata mill-Perit Legali. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jirritorna l-inkartament. Dr. Patrick Galea talab lill-Qorti tezentah ghas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2003 u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal tal-Qorti hekk diversament presjeduta tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti osservat li gie nserit l-inkartement mill-Perit Legali precedenti l-Onor Joseph Azzopardi. Fuq talba tad-difensuri tal-konvenut, mhux opposta, il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2003 a fol 99 tal-process fejn Dr Franca Giordmaina talbet zmien qasir biex tirregola ruhha *stante* li l-perit Vincent Cassar m’ghadux Direttur. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Dicembru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Joseph Azzopardi u d-dokumenti mehmuza a fol 103 sa 183 tal-process fejn fil-15 ta’ Marzu 1995 xehdet l-**attrici** (fol 103); tat-28 ta’ April 1995 fejn xehed **Gregory Schembri** prodott mill-attrici (fol 104); tat-22 ta’ Mejju 1995; tas-26 ta’ Gunju 1995 fejn xehed **Carmelo Spagnol** prodott mill-attrici (fol 106); tal-1 ta’ Novembru 1995 fejn xehed **Victor Scerri** prodott mill-attrici (fol 108); tal-11 ta’ Dicembru 1995; tat-28 ta’ Mejju 1996 fejn ix-xhud Schembri indika s-sit fejn kien jinsab ir-razzett in kwistjoni; tas-16 ta’ Lulju 1996; tat-30 ta’ Settembru 1996; u tat-2 ta’ Dicembru 1996.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2003 mill-Qorti kif diversament presjeduta a fol 184 tal-process fejn dehru Dr. Thomas Abela ghall-kumpanija attrici u Dr. Franca Giordmaina ghad-Diretturi tax-Xoghlijiet u nformaw lill-Qorti li d-Direttur tax-Xoghlijiet illum huwa Raymond Farrugia u talbet korrezzjoni fl-atti f’dan is-sens. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li fl-okkju tac-citazzjoni u l-atti sussegwenti fl-isem ‘Perit Vincent Cassar’ jigi sostitwit bl-isem ‘Perit Raymond Farrugia. L-atturi taw ruhhom notifikati. Dr. Giordmaina irrelevat li parti mix-xhieda mismugha mill-Perit Legali mhix dattilografata u a skans ta’ ekwivoci talbet li x-xhieda kollha tigi dattilografata. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-verbal jigi komunikat lill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi (fol.99). Il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Aquilina bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa seduta wahda ghal provi tal-konvenuti u l-kawza giet differita ghall-21 ta’ Jannar 2004.

Rat il-kumplament tas-seduti tal-Perit Legali inseriti u dattilografati kif ordnat il-Qorti fejn fis-17 ta' Frar 1997 xehed il-konvenut **Charles Polidano** in subizzjoni (fol 187); tat-13 ta' Gunju 1997 fejn xehed **Paul Polidano** prodott mill-attur (fol 187); tat-28 ta' Jannar 1998; tas-26 ta' Marzu 1999; tal-24 ta' Marzu 2000 fejn xehed il-perit **Joseph Cachia** prodott mill-konvenut (fol 188); tal-10 ta' Mejju 2000 fejn xehed il-perit **Joseph Cachia** riprodott mill-konvenut (fol 188); tas-19 ta' Marzu 2001; tat-3 ta' Marzu 2001 fejn xehed il-Perit **Lino Zammit** (fol 189); tat-8 ta' Marzu 2001 fejn kompla jixhed il-perit **Lino Zammit** (fol 190); tal-10 ta' Lulju 2001 fejn xehed **Joseph Farrugia** prodott mill-konvenut (fol 190); tal-24 ta' Settembru 2001 fejn xehed **Joseph Farrugia** ri prodott mill-konvenut (fol 191); u tat-30 ta' Ottubru 2001 fejn xehed **Mark Anthony Mifsud** prodott mill-konvenuti (fol 191)

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2004 a fol 192 tal-process fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Marzu 2004 ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Marzu 2004 u tas-27 ta' April 2004 fejn xehdu **Joseph Farrugia (MEPA), Felix Borg, Joseph Farrugia u Josef Farrugia**. Dr. Victor Buttigieg u Dr Audrey Buttigieg ghad-Direttur tax-Xoghljiet iddikjaraw li ghad fadlilhom bhala xhieda lis-*Surveyor* adett mal-MEPA u lil Victor Borg Fiorentino. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2004.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Mejju 2004 u tat-22 ta' Ottubru 2004 fejn xehed **Victor Borg Fiorentino** u **Vincent Camilleri**. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru 2004 ghall-kontinwazzjoni tal-provi.

Rat ix-xhieda inserita fil-process a fol 227 ta' **Victor Borg Fiorentino** u ta' **Vincent Camilleri** prodott mill-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2004 fejn Dr. Audrey Buttigieg u Dr. Victoria Buttigieg iddikjaraw li

m'ghandhomx provi aktar filwaqt li Dr. P. Galea talab zmien biex jirregola ruhu. Il-konvenut Polidano talab differiment biex jirregola ruhu dwar il-provi li jista' jkun fadallu. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghall-1 ta' Jannar 2005 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Jannar 2005 a fol 234 fejn il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw nota t' osservazzjonijiet u jibdew l-atturi. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu 2005 ghall-prezentata ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici; u tal-4 ta' Marzu 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-5 ta' April.

Rat ir-rikors ta' l-attrici Marisa Giordmaina datat 21 ta' Marzu 2005 fejn talbet lill-Qorti joghgobha titlob lill-Perit David Pace sabiex jipprezenta r-rapport tekniku tieghu waqt li jkollu access ghall-provi migbura.

Rat id-digriet tad-29 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti irreservat li tipprovdi fl-udjenza li kien imiss.

Rat il-verbal tal-5 ta' April 2005 a fol 238 tal-process fejn Dr. Galea irrimetta ruhu ghat-talba ta' l-attrici maghmula b'rikors prezentat fil-21 ta' Marzu 2005 u ghalhekk ordnat lill-Perit Tekniku AIC David Pace biex wara li jiehu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti esebiti fil-process jipprezenta r-rapport tieghu mill-aktar fiss. Il-kawza giet differita ghar-rapport tekniku ghall-24 ta' Gunju 2005.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Gunju 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport; u tas-26 ta' Ottubru 2005 fejn il-Perit David Pace kkonferma r-relazzjoni tieghu (fol 245 sa 255) u mpenja li jghaddi kopja lil Dr. Patrick Galea. Dr. Franca Giordmaina nformat lill-Qorti illi d-Direttur tat-Toroq gie sostitwit bl-Awtorita` ta' Malta dwar it-Transport. Dr. Abela talab li sad-differiment li jmiss ghandu jirregola ruhu fid-dawl ta' dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Dicembru 2005 ghal-leggittimazjoni ta' l-atti u ezami rapport.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 31 ta' Ottubru 2005 fejn talbet lill-Qorti illi fil-kawza ssir trasfuzjoni tal-gudizzju mill-

konvenut, Perit Lino Zammit, bhala Manager ghat-Toroq ghall-Awtorita` ta' Malta Dwar it-Trasport.

Rat id-digriet moghti fit-2 ta' Novembru 2005 (fol 257) fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat id-debita aggustament fl-okkju.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005 fejn dehru Dr. Patrick Galea ghall-konvenut Polidano, Dr. Thomas Abela ghall-attrici u Dr. Franca Giordmaina ghall-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet li rremettew ruhhom ghar-rapport tekniku. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Frar 2006 ghall-ahhar darba ghall-ezami rapport tal-konvenuti l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar 2006 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta, fejn deher Dr Thomas Abela ghas-socjeta` attrici u r-rapprezentant ta' l-istess Gori Schembri. Hadd mill-konvenuti ma deher u lanqas id-difensuri taghhom. Dr. Thomas Abela talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2006. Aktar tard dehret Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-ADT li rrimettiet ruhha ghar-rapport.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn s-socjeta' attrici allegat li kellha proprjeta' konsistenti f'razzett bl-isem ta' "Ir-Razzett tal-Palma" fil-Bidni limiti ta' Wied il-Ghajn, kantuniera fi Triq is-Swejda ma' Triq il-Gross, qabel Triq il-Hurtan, u li l-istess razzett gie mwaqqa' mill-konvenuti u ghalhekk talbet li l-istess konvenuti jew min minnhom jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni sofferti u saru talbiet ghall-likwidazzjoni ta' danni u konsegwenti hlas ta' l-istess.

Illi s-socjeta' Polidano Bros. Limited eccepiet li hija hadmet skond struzzjonijiet minghand il-konvenuti l-ohra u

cjoe' dipartimenti koncernati u msemmija fic-citazzjoni attrici; min-naha l-ohra l-istess Direttur tat-Toroq bhala l-konvenut f'dak iz-zmien sostna li xoghol kien effettivament sar skond il-prassi fis-sens li jekk ikun hemm bini f'nofs it-triq dan jitwaqqa u t-triq tigi asfaltata u kien biss wara li sar dan li certu Gori Schembri kien avvicina lid-dipartiment sabiex jinformahom li l-istess razzett kien tas-socjeta' attrici u li huwa  ghamel dak kollu ndikat lilu mit-*Town Planners* u *in verita'* sostna li *"l-eccipjenti jaqbel illi l-attrici nomine tithallas kumpens xieraq tar-razzett, pero' dan il-kumpens ikun konformi ma' kumpens illi jithallas ta' espropriazzjoni ta' art u mhux ammissibbli illi jithalsu l-ebda danni ohra li l-istess attrici qed tallega".* Dan jinsab redatt fin-nota ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni pprezentati mid-Direttur tat-Toroq datata 15 ta' Gunju 2004 u fil-verita' din tikkonsisti f'ammissjoni *da parte* ta' l-istess awtorita' tal-fatt allegat mis-socjeta' attrici hlief  li kien jonqos likwidazzjoni ta' dak li l-istess awtoritajiet sejhu bhala kumpens xieraq.

Illi din il-Qorti rreferit ukoll ghall-perizja teknika redatta mill-Perit David Pace fejn saret riferenza ghall-verbal ta' l-access illi huwa kien zamm fit-28 ta' Mejju 1996 li jinsab a fol. 110 tal-process mnejn jirrizulta illi meta sar l-access kienu gew iffurmati toroq u bankini u bhal issa kien hemm sit battal fil-kantuniera bejn Triq il-Gross u t-Triq tas-Swejda gewwa Wied il-Ghajn. Mill-qbija ma kien ghad fadal xejn mill-bini in kwistjoni. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li dan ir-razzett kien twaqqa'.

Illi mill-istess provi u konkluzjonijiet peritali jirrizulta li s-socjeta' konvenuta "Polidano Brothers Limited" kienet inghatat appalt mid-Dipartiment tat-Toroq sabiex jifforma u jibni diversi toroq fl-inhawi fosthom Triq il-Gross fejn kien jinsab ir-razzett in kwistjoni. Dan ir-razzett kien almenu in parti ser jigi fit-toroq proposti li fuqhom kellhom jahdmu "Polidano Brothers Limited", tant li parti mill-appalt moghti lis-socjeta'  "Polidano Brothers Limited" kien appuntu sabiex isir twaqqiegh ta' bini. Dan jirrizulta wkoll mill-kontijiet ta' l-imsemmija socjeta' "Polidano Brothers Limited" li gew esebiti bhala Dokument "JC2" u Dokument

"JC3" mill-Perit Joseph Cachia u li jinsabu a fol. 153 sa 159 tal-process.

Illi infatti mid-Dokument "JC2" jirrizulta illi zewg *items*, dawk numru 3 u 4 jittrattaw proprju dwar demolizzjoni ta' bini u fil-fatt l-*item* numru 4 hija somma zejda maghduda ma' dak li kien gie ikkalkulat fil-bidu, waqt illi fid-Dokument "JC3" l-*item* numru 3 turi illi l-volum imkejjel wara li kien sar ix-xoghol kien ta' tliet mija u tnejn u sittin (362) metru kubu waqt illi fl-istima Dokument "JC2" l-ammont kien stmat Ii kien ser ilahhaq b'kollox tliet mija u tletin (330) metru kubu.

Illi jinghad ukoll li l-Perit Joseph Cachia inkarigat sabiex jissorvelja x-xoghol ghan-nom tas-socjeta' konvenuta xehed (fol. 188 u 189 tal-process) illi l-ewwel *item* fid-Dokument "JC2" hija d-demolizzjoni tar-razzett in kwistjoni tant li qal testwalment li:-

*"Gejna mqabbda biex innehhu parti minnu (ir-razzett) li kien f'nofs it-triq proposta."*

Illi f'seduta sussegwenti huwa xehed illi:-

*"Nikkonferma r-razzett twaqqa' kollu. Nghid li kif tmissu jaqa' kollu ghax kien bini antik."*

Illi gustament l-perit tekniku David Pace fir-relazzjoni tieghu f'paragrafu 11 f'pagna 8 tar-relazzjoni tieghu datata 28 ta' Settembru 2005 (fol.251) sostna li:-

*"Ghalkemm it-Perit Zammit sussegwentement xehed illi ma kien jaf b'xejn illi kien hemm xi razzett fl-akwati u Ii ma tawx istruzzjonijiet biex jitwaqqa' r-razzett, fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet hu qal illi kien mexa fuq il-prassi illi min ikollu l-mobbli f'nofs ta' triq jitlob illi il-Gvern biex iwaqqghalu tali bini waqt ix-xoghol tal-formazzjoni u asfaltar tat-triq. L-esponent ghalhekk ma ghandu l-ebda dubju x-xoghol illi hadmu "Polidano Brothers Limited" hadmuh fuq inkarigu tad-Dipartiment tat-Toroq. Ma huwiex car jekk l-ordni kienx sabiex jitwaqqa' biss dik il-parti illi kienet ser tigi fit-triq proposta nkella jitwaqqax*

*kollu, pero' bhala fatt zgur illi sar kien illi r-razzett twaqqa' kollu ghax dan jikkonfermah il-Perit Cachia li ssorvelja x-xoghol ghan-nom ta' "Polidano Brothers Limited" il-kuntratturi illi hadmuh".*

Illi din l-konkluzjoni hija wkoll imsahha mix-xhieda li taw residenti li joqghodu vicin is-sit u cioe' Carmelo Spagnol u Victor Scerri fejn xehdu (fol. 106 sa 109 tal-process) illi l-kuntratturi illi hadmu fuq ix-xoghol waqqghu r-razzett kollu u hallew borg materjal u gebel u in verita' dan qatt ma gie kontestat.

Illi ghal dawk li huma permessi allegati mis-socjeta' attrici jirrizulta li kif ikkonstata l-istess perit tekniku kien inghata permess fit-2 ta' April 1980 sabiex l-istess socjeta' testendi r-razzett skond pjanta hemm sottomessa. Ix-xhud Gori Schembri li kien l-azzjonista principali qal illi l-pjanta li esebixxa bhala Dokument "GS" x'aktarx illi kienet il-pjanta illi giet approvata. Il-Perit Tekniku nnota illi fuq din l-pjanta ma kienx hemm it-timbri illi normalment wiehed kien jottjeni flimkien mal-permess u li kienu jkunu allura xhieda ta' kif gie approvat l-izvilupp. Pero' minn din il-pjanta jidher illi kien qed jigi propost illi t-triq tghaddi ezatt mar-razzett u minn hemm 'il gewwa jsir zvilupp bhala estensjoni ta' l-istess razzett. F'dan l-isfond il-Perit Tekniku qabbel il-pjanta sottomessa bhala Dokument "H" mis-socjeta' attrici u li tinsab a fol 143 tal-process li kienet turi l-estensjoni ta' art u t-toroq ta' l-inhawi ma' l-izvilup kif gie mfassal bhala toroq kif jidher fil-pjanta a fol 150 kif ukoll il-pjanta a fol. 175 illi turi l-permessi kollha li hargu fuq din l-art u liema l-ahhar pjanta giet esebita minn Joseph Farrugia, rapprezentant tal-M.E.P.A. Jidher illi sar tibdil fl-allinjament tat-toroq partikolarment billi giet introdotta Triq is-Swejda f'nofs l-art mixtrija mis-socjeta' attrici u anke fuq in-naha l-ohra ta' Triq il-Gross mill-art in kwistjoni gew introdotti toroq godda. Pero' hlief ghall-pjanta Dokument "H" ma hemm l-ebda ndikazzjoni ta' kif kellha tigi affettwata l-binja tar-razzett mil-linji tat-toroq proposti. Anke d-Dokument "H" innifsu juri illi certament ir-razzett ma kienx ser jigi kollu barra mit-triq izda parti minnu illi perit tekniku kkalkola li kien vicin in-nofs tal-bini li kien ser jigi fit-triq propost. Ghalhekk sabiex seta' jsir l-

izvilupp kif propost u kif approvat fil-permess mahrug fit-2 ta' April 1980 u li jgib in-numru P851/80/3391/79 il-linja tat-triq kellha tigi spustata aktar lejn it-Tramuntana sabiex tghaddi ezatt mal-genb it-twil tar-razzett u mhux tghaddi minn go fih.

Illi mill-provi prodotti ma rrizultax illi saret talba sabiex il-linja tat-triq tigi spustata u x-xhud Victor Borg Fiorentino ma seta' jaghti l-ebda dawl fuqha, anke peress illi jidher illi gie mharrek sabiex jirrispondi fuq punti ohra u mhux fuq dan il-punt, pero' jidher illi minn kif graw il-fatti t-triq baqghet skond il-linja kif kienet tidher originarjament fid-Dokument "H" u cioe` illi tghaddi minn gewwa r-razzett. Anke, ritratti esebiti juru illi r-razzett kien ser jigi fit-triq. Dan jidher car anke mir-ritratti Dokumenti "JC4" li jinsabu a fol. 161 sa 163 tal-process u partikolarment it-tieni ritratt fil-pagna 161 li turi illi hemm l-allinjament fin-naha t'isfel tar-ritratt tal-*front garden* tal-post fuq in-naha tal-lemin illi jispara direttament ghal go nofs ir-razzett fuq in-naha ta' wara. Fil-pagna 162 imbaghad fir-ritratt isfel nett juri wkoll illi l-materjal imburgjat fil-genb u li allura kien jimmarka bejn wiehed u iehor il-limiti tal-wisa' tat-triq qed ihabbat ma' nofs il-wisa' tan-naha ta' wara tar-razzett u ghalhekk minn analizi ta' dan ir-ritratt kif imqabbel mal-pjanta Dokument "H" jidher illi l-linja baqghet bejn wiehed u iehor l-istess kif kienet originarjament prospettata skond l-istess Dokument "H". Bhala rizultat ta' dan allura l-izvilupp propost u approvat skond il-permess a fol. 173 ma setax isehh. Apparti minn dan ukoll anke kif xehed Gori Schembri stess il-permess ma kienx gie mgedded u skada u ghalhekk ma kienx ghad fadallu sahha biex jigi mplimentat.

Illi ghalhekk l-istess perit tekniku kkonkluda li:-

*“Allura jidher illi l-art fejn kien qieghed ir-razzett u li seta' jigi zviluppat sar zvilupp fuqu in konformita' mal-qbija ta' l-inhawi u allura jidher illi s-socjeta' attrici ma sofrietx danni rejali fis-sens illi baqghet taghmel qliegh mill-art billi nnegozjatu u gie zvilluppat bhala plots, l-esponent qieghed jalloka s-somma "arbitrio boni viri" ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) bhala kumpens tad-demolizzjoni li*

*saret mid-Dipartiment tat-Toroq minghajr ma qabel gew notifikati s-sidien u minghajr ma saru l-proceduri normali ta' espropriazzjoni kif isir is-soltu".*

Illi dwar dan ir-rapport tekniku rremettiet ruhha s-socjeta' konvenuta *tramite* d-difensur taghha Dr. Patrick Galea fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005 (fol.258) u l-istess sar minn Dr. Thomas Abela ghas-socjeta' attrici u Dr. Franca Giordmaina ghall-konvenut sa dak in-nhar indikat bhala d-Direttur tax-Xoghol; b'verbal datat l-1 ta' Frar 2006 Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-Awrorita' ta' Malta dwar it-Trasport ukoll irremetiet ruhha ghar-rapport (fol. 259).

Illi dan ifisser li l-partijiet kollha fil-kawza accettaw il-likwidazzjoni tad-danni kif likwidati mill-perit tekniku nnominat mill-Qorti u wkoll qablu mal-konkluzjonijiet l-ohra peritali fis-sens li x-xoghol ta' twaqqiegh allegat kien sar fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment koncernat, kif fuq kollox kien gja ammetta l-Perit Lino Zammit fl-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni tieghu bhala Direttur tat-Toroq sa mid-data tal-prezentata ta' l-istess mill-15 ta' Gunju 1994 (fol.18 u fol.19 tal-process).

Illi ghalhekk apparti li s-socjeta' konvenuta "Polidano Bros. Ltd" ghandha u qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, t-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti odjerni (anke wara d-digriet datat 2 ta' Novembru 2005) fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) indikat mill-istess abbli perit tekniku A.I.C. David Pace.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Polidano Bros. Limited in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak fuq deciz u allura tillibera lill-istess socjeta' konvenuta Polidano Bros. Limited mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti l-ohra fejn l-istess huma nkompatibbli ma' dak premess, **tilqa' t-talbiet attrici biss fil-konfront ta' l-**

**Awtoritajiet konvenuti ndikati** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-istess Awtoritajiet indikati bhala konvenuti bhala responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici *nomine* kif premess;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici *nomine* fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000).

3. Tikkundanna lill-Awtoritajiet konvenuti jhalsu lill-attrici *nomine* d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000).

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu tal-1994 u dawk tas-socjeta' Polidano Bros. Limited, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess Awtoritajiet konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------